Whereas the respondent plaintiff is not respecting the times of access therein indicated and is exceeding the times of access granted to him according to the same contract. Furthermore he is exercising this access during the free time of the defendant in such a manner that he almost leaves no time time for 'quality time' between the defendant and the minor and this with prejudice to the minor;

Whereas today the circumstances of the respondent plaintiff have changed and during the time of access he is exposing the minor to people and circumstances which are effecting very negatively the minor and are creating danger to her development and this as shall be proved during the pleading of the case;

That whereas as a consequence of the circumstances indicated in the preceeding paragraph the respondent defendant was constrained to acquire the help of a psychologist to help the same minor a copy of the report hereby attached and marked Doc. D which report confirms that the respondent plaintiff is prejudicing the best interest of the minor;

...Omissis…

Whereas the mediation appointed following the letter filed by the respondent defendant on the 5th October 2004 to the Registrar of Court no agreement was reached s that the minor is not exposed to prejudicial circumstances;

Thus the respondent plaintiff is to state why this Honourable Court should not;

1. Declare and decide that the respondent plaintiff is during the time of access exposing the minor to circumstances which are of prejudice and detriment to the same minor;

2. Tordna lill-attur rikonvenzjonat ma jkomplix jesponi lill-minuri għal ebda preġudizzju waqt il-ħin ta' l-aċċess b'dan illi jekk jkompli jesponiha għal dawn iċ-ċirkostanzi huwa jitlef id-dritt ta' aċċess;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fl-ebda mument u għal ebda raġuni ma għandha l-minuri titħalla torqod għand/mal-missier;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-ħtiġiet finanzjarji tal-minuri llum inbidlu b'dan illi l-manteniment kif stipulat fil-kuntratt ma jkoprix il-ħtiġiet tagħha;

5. Tordna lill-attur rikonvenzjonat iħallas retta alimentarja ta' mhux anqas minn Lm125 fix-xahar;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att korrettorju opportun tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-15 ta' Novembru 2001 fl-atti tan-Nutar Edward Flores.

L-attur rikonvenzjonat minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 327/2004 NC, fl-ismijiet Debono Jesmond vs Debono Lucienne, tinsab differita għat-8 ta' Ġunju 2006, fid-9.00 a.m., għan-notifika ta' l-attur.

Attur: Jesmond Debono
44, St. Mary Street, Għaxaq.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 18 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. To order the respondent plaintiff not to expose the minor to any prejudice during the time of access in such a manner that if he continues to expose her to these circumstances he looses the right of access;

3. To declare and decide that at no time and for no reason should the minor be allowed to sleep at/with her father;

4. To declare and decide that the financial needs of the minor today have changed in such a manner that the maintenance as stipulated in the contract does not cover her needs;

5. To order the respondent plaintiff to pay the adequate maintenance of not less than Lm125 per month;

6. To appoint a Public Notary to recieve the opportune deed of correction of contract of personal separation of the 15th November 2001 in the records of Notary Edward Flores.

The respondent plaintiff is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The case Writ of Summons Number 327/2004 NC, in the names Debono Jesmond vs Debono Lucienne has been put off to the 8th June 2006 at 9.00 a.m., in order that plaintiff be notified.

Plaintiff: Jesmond Debono
44, St Mary Street, Għaxaq.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 18th April 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

633

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) in segwitu għar-rikors ta' Giorgina Bugeja, rikors Nru 853/2005, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju addizzjonali ta' l-assi ta' Maria u Michael, aħwa Agius, it-tnejn minuri, ulied il-mejtin Paul Agius u Lucienne Agius, imweldin Pietà u residenti San Pawl il-Baħar.

Din il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju għandha ssir nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Mejju 2006, fl-10.30 a.m., fl-uffiċċju numru 34/15, Triq id-Dejqa, Valletta, b'att tan-Nutar Dottor Pierre Falzon.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 18 ta' April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) following an application of Giorgina Bugeja, application number 853/2005, ordered the publication of the additional inventory of the assets of Maria and Michael, sister and brother Agius, both minors, children of the late Paul Agius and Lucienne Agius, born in Pietà and residing in Saint Paul's Bay.

The publication of the inventory shall be held on Friday 5th May 2006, at 10.30 a.m., at the office number 34/15, Strait Street, Valletta, by deed of Notary Dr. Pierre Falzon.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 18th April 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

634

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Frar 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

George Muscat li jiġġestixxi d-ditta "Transtrav Services" ta' 25, Triq Fernand Gregh, Lija BZN 08, ippreżenta talba fis-17 ta' Settembru 2004 fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Ashraf Sallam ta' King Tours Ltd, Triq il-Ħalel, Buġibba sabiex jiżgombra mill-ħanut 106, Triq San Xmun, Buġibba fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din il-Qorti stante morożità fil-ħlas tal-kera.

Il-kawża (Avviż Nru. 500/04DM) hija differita għat-28 ta' April 2006 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 19 ta' April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 3rd February 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

George Muscat who operates the firm "Transtrav Services" of 25, Triq Fernand Gregh, Lija BZN 08 filed a Claim on the 17th September 2004, whereby he asked the Court to condemn Ashraf Sallam of King Tours Ltd, Triq il-Ħalel, Buġibba in order to evict from the shop in 106, Triq San Xmun, Buġibba within a short and peremptory period that shall be fixed by this Court due to dely in the payment of rent.

The case (Notice Number 500/04DM) is put off to the 28th April 2006 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 19th April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

635

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Marzu 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

HSBC Bank Malta p.l.c. – C3177 ta' 116, Archbishop Street, Valletta, ippreżentaw talba fil-5 ta' Mejju 2005 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Roderick Pulis (ID 257979M) sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn sitt mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija u ħmistax-il ċenteżmu (Lm2,625.15) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru. 263/05DM) hija differita għat-28 ta' April 2006 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 19 ta' April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 14th March 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 116, Archbishop Street, Valletta filed a Claim on the 5th May 2005, whereby they asked the Court to condemn Roderick Pulis (ID 257979M) of Horvic, Triq ix-Xgħajra, Żabbar to pay the plaintiff company the sum of two thousand six hundred and twenty five Maltese liri and fifteen cents (Lm2,625.15) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Notice Number 263/05DM) is put off to the 28th April 2006 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 19th April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

636

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Frar 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Paul Micallef (ID 413759M) illi jiġġestixxi l-istabbiliment "Tatara Bathrooms" ta' Nigret Road, Rabat ippreżenta talba fis-7 ta' Marzu 2005 fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Raymond sive Ray Debono (ID 326156M) ta' 34, Triq il-Lunzjata, Tas-Sliema, sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn mitejn u sbatax-il lira Maltija (Lm2,217) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru 122/05DM) hija differita għall-28 ta' April 2006 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 19 ta' April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 23rd February 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Paul Micallef (ID 413759M) who operates the establishment "Tatara Bathrooms" of Nigret Road, Rabat filed a Claim on the 7th March 2005, whereby he asked the Court to condemn Raymond sive Ray Debono (ID 326156M) of 34, Triq il-Lunzjata, Sliema to pay the plaintiff the sum of two thousand two hundred and seventeen Maltese liri (Lm2,217) which amount is due to the plaintiff.

With costs and interests.

The case (Notice Number 122/05DM) is put off to the 28th April 2006 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 19th April 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

637

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' April 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 1107/03, GV, fl-ismijiet Adelaide Mercieca pro et noe vs Claudia Zerafa et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront Charmel Pace, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell Ċitazzjoni Numru 1107/03 GV, fl-ismijiet Adelaide Mercieca f'isimha propju kif ukoll bħala kuratriċi ta' binha minuri Lenyx Mercieca vs Claudia Zerafa u Charmel Pace, ir-rikorrenti Adelaide Mercieca proprio et nomine ID 99384(M) esponiet bir-rispett;

Illi b'Ċitazzjoni, ppreżentata fl-24 ta' Ottubru 2003, l-atturi talbu illi l-konvenut jew min minnhom huma responsabbli għall-inċident li ġara fil-ħmistax (15) ta' April 2003, f'liema inċident sofrew l-atturi propju et nomine u dan minħabba negliġenza, traskuraġini, imperizja u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol da parti tal-konvenuti;

Illi fin-noti ta' l-eċċezzjonijiet rispettivi tal-konvenuti Charmel Pace u Claudia Zerafa, Pace u Zerafa ċaħdu li huma responsabbli tal-incident imsemmi;

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 12th April 2006, in the records of the Writ of Summons number 1107/03 GV, in the names Adelaide Mercieca pro et noe vs Claudia Zerafa et, ordered the following publication for the purpose of service of Charmel Pace in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Court of Appeal Writ of Summons Number 1107/03 GV, in the names Adelaide Mercieca in her own name as well curator of her minor daughter Lenyx Mercieca vs Claudia Zerafa and Charmel Pace, the applicant Adelaide Mercieca proprio et nomine ID 99384(M) pleaded with respect;

That by a Writ of Summons filed on the 24th October 2003, the plaintiffs prayed that the defendant or either of whom are responsible for the accident which occurred on the fifteenth (15) of April 2003, in which incident the plaintiffs propio et nomine and this due to negligence, carelessness, lack of attention and observation of health regulations at the place of work on the part of the defendants;

That in their respective note of pleas the defendants Charmel Pace and Claudia Zerafa, Pace and Zerafa, rejected that they are responsible for the accident mentioned;

Illi fil-kawża quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u a fol .98 tal-proċess il-partijiet qablu li l-ewwel Qorti għandha l-ewwel tiddeċiedi l-kwistjoni dwar responsabilità

Illi fis-sentenza deċiża mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-ewwel Qorti ddeċidiet illi l-attriċi stess u l-konvenuta Zerafa kienu t-tnejn responsabbli ndaqs għall-inċident imsemmi u l-konvenut Charmel Pace l-employer tal-konvenuta Claudia Zerafa ġie lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju billi skond il-Qorti Prim'Awla ma kellu ebda responsabilità fl-inċident;

Illi l-atturi appellanti ħassewhom aggravati minn din it-tali sentenza,

….Omissis…

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti fatti;

1. Illi l-ewwel aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ l-ewwel Onorabbli Qorti kienet fil-umli opinjoni ta' l-appellanta żbaljata meta attribwiet ir-responsabilità lill-istess appellanti u l-konvenuta Zerafa b'mod indaqs u lliberat lill-konvenut appellat Charmel Pace mill-osservanza tal-ġudizzju rigwardanti r-responsabilità o meno għall-inċident in kwistjoni.

L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha stqarret u ddeċidiet li Charmel Pace 'ma kien bla ebda mod responsabbli għal dak li ġara…Omissis…

Illi fil-każ in diżamina, l-appellanta ma taqbilx mal-konklużjonijiet ta' l-Ewwel Qorti fuq dan, u dana peress illi l-appellanta tissottometti li l-post fejn kien qiegħed il-warmer huwa kruċjali sabiex jiġi evalwat ir-responsabilità tal-konvenuti appellati fil-każ in kwistjoni;

…Omissis…

Irriżulta mill-provi tal-każ li l-warmer meta waqa', waqa' għal fuq in-naħa ta' barra u cioè għal naħa ta' fejn ikum hemm il-pubbliku jixtri l-pastizzi mill-ħanut in kwistjoni u cioe' mal-bankina;

Illi l-esponenti tissottometti, li l-Ewwel Qort straħet wisq fuq il-punt li jekk dan il-warmer jaħdem korrettement jew le…Omissis…

Illi l-argument ta' l-appellat Charmel Pace, li l-warmer jaħdem tajjeb u li huwa kien xtara l-warmer madwar sena qabel li ġara l-inċident ma jreġġix u ma jiskulpax lill-appellat Charmel Pace, mir-responsabilità. L-appellat ċertament bħala l-employer ta' tifla ta' dsatax (19)-il sena u cioè ta' Claudia

That in the case before the First Hall Civil Court and a fol.98 of the process the parties agreed that the Court of First Instance is first to decide about the question of responsibility

That in the judgement decided by the First Hall Civil Court, the Court of First Instance, decided that the plaintiff herself and the defendant Zerafa were both responsible equally for the incident mentioned and the defendant Charmel Pace, the employer of the defendant Claudia Zerafa was freed from the observance of the judgement as according to the First Hall Civil Court he was in no way responsible for the incident;

That the plaintiffs appellants felt aggrieved by this judgement,

…Omissis…

That the grievances are clear and manifest and consist in the following facts;

1. That the first grievance is clear and manifest and consists in the fact that taking into account all the circumstances of the case the Honourable Court of First Instance was in the humble opinion of the appellant mistaken when it attributed responsibility to the same appellant and the defendant Zerafa equally, and freed the respondent defendant Charmel Pace from the observance of the judgement regarding the responsibility or lack of it for the incident in question.

The Court of First Instance in its judgement declared and decided that Charmel Pace 'was in no way responsible for what happened…Omissis…

That in case in question , the appellant does not agree with the conclusions of the Court of First Instance regarding this, and this because the appellant submits that the place where the warmer was, was crucial in order to evaluate the responsibility of the respondent defendant in the case in question;

…Omissis…

It resulted from the proof of the case that when the warmer fell, it fell on the outside that is on to the side where the public is buying cheesecakes from the shop in question and that is on the pavement;

That the appellant submits, that the Court of First Instance relied too much on the point that this warmer works correctly or not…Omissis…

That the argument of the respondent Charmel Pace, that the warmer works correctly and that he had bought the warmer one year before the incident happened , does not hold and does not exculpate the respondent Charmel Pace, from the responsibility that the respondent as employer of a girl which

Zerafa li ċertament m'għandhiex xi esperjenza jew stħarriġ neċessarju għal tali xogħol u li allura ma kienx jinkombi fuqha jew fuqha biss illi tieħu ħsieb il-prekawzjonijiet f'dan ix-xogħol…Omissis…

Illi ġara dak li ġara minħabba l-fatt li l-counter ċertament mhuwiex il-post idoneu fejn għandu jkun dan il-warmer u għalhekk l-esponenti umilment tissottometti lil din l-Onorabbli Qorti għandha tibdel l-konklużjoni milħuqa mill-ewwel Onorabbli Qorti u tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli t-tnejn għad-danni li ġew ikkaġunati lill-attur appellant fl-inċident tal-24 ta' Ottubru 2003;

2. Illi t-tieni aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta lliberat lill-appellat Charmel Pace mill-osservanza tal-ġudizzju meta l-artikolu 1642 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta timponi l-obbligu fuq l-employer li jkun u jagħmel tajjeb għad-danni kkaġunati anki mill-impjegati tiegħu u għall-azzjonijiet magħmulin minn persuni mqabbdin minnu. Illi ħareġ ċar mill-provi li Claudia Zerafa kienet impjegata ta' Charmel Pace.

…Omissis…

3. Illi t-tielet aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi fix-xhieda ta' l-esponenti hi ma riditx tidħol wara l-counter,…Omissis… Illi hawnhekk dan il-punt huwa importanti peress li l-esponenti ma tistax tkun responsabbli b'mod kontributorju u dan stante l-fatt li hi stess ma riditx tidħol wara l-bank u għalhekk ċertament ma tistax tiġi misjuba ħatja li b'xi mod ikkontribwiet għar-responsabilità tad-danni kkaġunati lill-minuri Lenyx Mercieca meta l-esponenti stess qalet u xehdet li ma riditx tidħol wara l-counter;

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel referenza għall-provi kollha prodotti u tirriżerva d-dritt li tressaq dawk il-provi kollha li jistgħu jiġu prodotti fl-istadju ta' l-Appell, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghġobha tirrifoma s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Prim'Awla fl-ismijiet Adelina Mercieca f'ismha propju kif ukoll bħala minuri Lenyx Mercieca vs Claudia Zerafa u Charmel Pace deċiża fit-30 ta' Jannar 2006 u dan billi;

1. Filwaqt illi tirrevokaha in kwantu li ddikjarat illi l-appellanti kienet responsabbli in kwantu għal 50 fil-mija għall-inċident in kwistjoni b'dan li ma ssibx lill-appellanti responsabbli bla ebda mod għall-inċident u tirriformaha in kwantu sabet lill-appellata Claudia Zerafa responsabbli in kwantu għal 50 fil-mija filwaqt li ma sabitx lill-appellat l-ieħor Charmel Pace, responsabbli għall-inċident u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, b'dan li ssib lil żewġ appellati, flimkien u in solidum bejniethom jew min minnhom unikament responsabbli għal dan l-inċident;

is nineteen years (19) old and that is Claudia Zerafa who certainly does not have any experience or necessary training for this work and thus it was not incumbent of her or her alone to take care of the precautions in this work…Omissis…

That what happened was due to the fact that the counter certainly is not the suitable place where this warmer should be and thus the appellant humbly submits that this Honourable Court is to change the conclusion reached by the Honourable Court of First Instance and declare that the defendants are both responsible for the damages which were caused to the plaintiff appellant in the incident of the 24th October 2003;

2. That the second grievance is clear and manifest and consists in the fact, that taking into consideration all the circumstances of the case, the Court of First Instance when it freed the respondent Charmel Pace from the observance of the judgement when article 1642 of Chapter 16 of the Laws of Malta imposes the obligation on the employer in question and that he makes good for the damages caused even by his employees and for the actions made by persons engaged by him. That it resulted clear from the proof that Claudia Zerafa was employed by Charmel Pace.

…Omissis…

3. That the third grievance is clear and manifest and consists in the fact that in the evidence of the applicant she did not want to go behind the counter…Omissis… That here this point is important because the applicant cannot be responsible in a contributory way and this because of the fact that she did not want to go behind the bank and thus certainly she cannot be found guilty that in any manner she contributed for the damages caused to the minor Lenyx Mercieca when the applicant stated and testified that she did not want to go behind the counter;

Thus the applicant whilst referring to all the proof produced and reserving the right to bring all the proof that can be produced in the Appeal stage, prays with respect that this Honourable Court reforms the judgement given by the Honourable Court of First Instance in the names Adelina Mercieca in her own name as well as curator of her minor daughter Lenyx Mercieca vs Claudia Zerafa and Charmel Pace decided on the 30th January 2006 and this by;

1. Whilst revoking it in so far as it declared that the appellant was responsible as for 50 per cent of the incident in question in such a manner that it does not find the appellants responsible in any manner for the incident and reform it in so far as it found the respondent Claudia Zerafa responsible for 50 per cent whilst it did not find the other respondent Charmel Pace, responsible for the incident it freed him from the observance of the judgement, and this by finding both respondents, together and in solidum between them or either of whom solely responsible for the incident;

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

With costs of both instances against the respondent defendants.

Notifika: Charmel Pace - 'Jasmine', Triq il-Fuża, San Ġwann.

Notify: Charmel Pace - 'Jasmine', Fuża Street, San Ġwann.

Reġistru tal-Qorti Superjuri (Appelli) illum 19 ta' April 2006.

Registry of the Superior Court (Appeals) today 19th April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

638

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' April 2006, in segwitu għar-rikors ta' Joseph Azzopardi u Emanuela sive Emma Zammit, rikors numru 69/2006, Maria Azzopardi, mart Francesco, bint il-mejtin Giuseppe Abela u Rosa Abela neé Farrugia, imwielda u toqgħod Rabat, bil-karta ta' l-identità numru 93928(M) ġiet interdetta mill-atti kolha tal-ħajja ċivili.

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 16th April 2006, following an application of Joseph Azzopardi and Emmanuela sive Emma Zammit, application number 69/2006, Maria Azzopardi, wife of Francesco daughter of the late Giuseppe Abela and Rosa Abela neé Farrugia, born and residing at Rabat, identity card number 93928(M) was interdicted from all acts of civil life.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 18 ta' April 2006.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 18th April 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

639

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tas-16 ta' Jannar 2006, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

It is hereby notified that by a decree of the 16th January 2006, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

Illi b'Rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2005 minn Bank of Valletta p.l.c., l-imsemmi Bank qed jitlob li jagħmel offerti Animo Compensandi fis-subasta 60/05 fl-ismijiet:- Bank of Valletta p.l.c. vs Hallett Construction Limited.

That by an application filed by Bank of Valletta plc on the 22nd November 2005, the said Bank is asking to make bids Animo Compensandi in the Sale by auction proceedings 60/05, in the names of:- Bank of Valletta p.l.c. vs Hallett Construction Limited.

Reġistru tal-Qorti Superjuri , illum, it- 12 ta' April 2006.

Registry of the Superior Courts, today the 12th April 2006.

VINCENT ATTARD
Ghar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

640

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-13 ta' April, 2006 fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA LIMITED ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 29 ta' Mejju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-13 ta' April, 2006 li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand AGIUS OLIVER ET.

Erba' settijiet ġiżirani ta' deheb abjad bid-djamanti, sett ta' ġiżirana oħra bi cluster ta' djamanti, sbatax-il ġiżirana tad-deheb, tnax-il ċurkett tad-deheb, tlettax-il pendent, Stone Yellow Gold Brilliant diamond tan-nisa, għaxar brazzuletti tad-deheb u oġġetti oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 18 ta' April, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 13th April, 2006 on the application of BANK OF VALLETTA LIMITED, Monday, 29th May, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 13th April, 2006 to be held in the corridor of these Courts Repubblic Street, Valletta, of the following items seized from the property of AGIUS OLIVER ET.

Four sets of white gold necklaces with diamonds, another necklace set with diamonds cluster, seventeen gold necklaces, twelve gold rings, thirteen gold pendants, women's Stone Yellow gold brilliant diamond, ten gold bracelets and other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 18th April, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

641

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-28 ta' Marzu, 2006 fuq rikors ta' ABDILLA BENEDICT ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, l-4 ta' Mejju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-28 ta' Marzu, 2006 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fondi hawn taħt deskritti.

1. Għalqa fiż-Żurrieq fil-kontrada Tal-Barlott, magħrufa bħala "Ta' Baldacchina", tal-kejl superfiċjali ta' 2248.2metri kwadri, tmiss mill-Lvant ma' beni ta' Michael Camilleri, mill-Punent u mill-Lbiċ ma' beni tal-aħwa Ellul, stmata li tiswa Lm5,000.00ċ.

2. Ġnejna fiż-Żurrieq fil-kontrada ta' Bubaqra tal-kejl superfiċjali ta' 749.41 metri kwadri, tmiss mill-Lvant mat-Triq tal-Qortin, mit-Tramuntana ma' Sqaq bla isem, stmata li tiswa Lm2,500.00ċ.

3. Għalqa fil-kontrada Tal-Barlott limiti taż-Żurrieq magħrufa "Ta' Żrott", tal-kejl superfiċjali ta' 1498.81 metri kwadri, tmiss mill-Majjistral ma' sqaq magħruf Tal-Ixkant u mill-Lvant ma' beni ta' Carmelo Farrugia, stmata li tiswa Lm3,600.00ċ

4. Għalqa magħrufa Tal-Ħerba, fil-kontrada ta' Bubaqra limiti taż-Żurrieq, tal-kejl superfiċjali tal-kejl ta' ċirka 1498.32 metri kwadri, tmiss mit-Tramuntana ma' beni ta' Lorenzo Zammit, u minn-Nofsinhar ma' beni ta' Ġużeppi Carabott, stmata li tiswa Lm4,500.00ċ.

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 28th March, 2006 on the application of ABDILLA BENEDICT, Thursday, 4th May, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 28th March, 2006 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

1. Field known as "Ta' Baldacchina", in the district Tal-Barlott, limits of Żurrieq, measuring superficially 2248.2 square metres, adjoining on the East with property belonging to Michael Camilleri and on the West and on the South West with property belonging to the Ellul family, valued Lm5,000.00c.

2. The field located in Żurrieq in the district of Bubaqra, measuring superficially 749.41 square metres, adjoining on the East with Triq Tal-Qortin, and on the North with an unnamed alley, valued Lm2,500.00c

3. Field known as "Ta' Żrott", in the district of Bubaqra, limits of Żurrieq, measuring superficially 1498.81 square metres, adjoining on the North-West with Tal-Ixkant Alley, and on the East with property belonging to Carmelo Farrugia, valued Lm3,600.00c.

4. Field known as Tal-Ħerba in the district of Bubaqra limits of Żurrieq, measuring superficially 1498.32 square metres, adjoining on the North with property belonging to Lorenzo Zammit and on the South with property belonging to Guzeppi Carabott, valued at Lm4,500.00c.

5. Garaxx numru 106, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, stmat li jiswa Lm4,000.00ċ.

L-imsemmi fond huwa proprjeta ta' ABDILLA JOHN ET.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-Perit Godwin P. Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, it-Tnejn, 17 ta' April, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

5. Garage number 106, Pietru Pawl Caruana Stret, Cospicua, valued at Lm4,000.00c

The said tenement is the property of ABDILLA JOHN ET.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn to by Godwin P. Abela, A&CE.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 17th April, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

642

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tad-29 ta' Marzu 2006, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Civili (Kap. 12).

Illi b'Rikors ippreżentat minn Bank of Valletta p.l.c. fis-6 ta' Frar 2006, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' Lm3,901.51ċ depożitati b'ċedoli 1217/98, 671/99 u 1247/99, appartenenti lil Triton Investments Limited.

Reġistru tal-Qorti Superjuri , illum it-13 ta' April 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 29th March 2006, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application filed by Bank of Valletta plc on the 6th February 2006, the said Bank is asking for the withdrawal of Lm3,901.51c deposited by Schedules of Deposit number 1217/98, 671/99 and 1247/99 appertaining to Triton Investments Limited.

Registry of the Superior Courts, today the 13th April 2006.

VINCENT ATTARD
For The Registrar, Civil Courts and Tribunals

643

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fl-24 ta' Marzu, 2006 fuq rikors ta' DEGABRIELE JOSEPH ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, l-4 ta' Mejju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-24 ta' Marzu, 2006 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fondi hawn taħt deskritti.

1. Garaxx bla numru, Triq l-Ursulini, Gwardamangia, stmat li jiswa Lm5,000.00.

2. L-Utile Dominium Temporanju għaż-żmien li fadal ta' madwar 100 sena rivedibbli kull 25 sena tal-fond numru 95, Flat 5, Triq Marina, Tal-Pietà, kif soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta' Lm60.00ċ, stmat li jiswa Lm25,000.00ċ.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' DEGABRIELE PAULINE.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 24th March, 2006 on the application of DEGABRIELE JOSEPH, Thursday, 4th May, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 24th March, 2006 to be held in the corridor of these courts of the following property.

1. Unnumbered garage, Ursuline Sisters Street, Gwardamangia, valued at Lm5,000.00c

2. The temporary Utile Dominium for the remaining period of about 100 years of tenement 95, Flat 5, Marina Street, Pietà, as being subject to the annual and temporary groundrent of Lm60.00c, revisable every 25 years, valued at Lm25,000.00c

The said tenement is the property of DEGABRIELE PAULINE.

N.B. The said tenement will be sold as described in the

Perit Mario Cassar fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-24 ta' Ottubru, 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 18 ta' April, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

report sworn to by Mario Cassar on 24th October, 2003.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 18th April, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

644

Fil-Qorti Ċivili Prim'Awla.

Fl-atti tas-Subasta Numru: 6/2004
Fl-ismijiet:
HSBC Bank Malta PLC
Vs
Rita Ellul et.

Imħallef: Onor. Dott. Giannino Caruana Demajo, LL.D.

Il-Qorti;

Wara li rat il-liberazzjoni tal-Ħamis 17 ta' Marzu, 2005, favur HSBC Bank Malta PLC rigward il-fond imsemmi fl-atti bil-prezz ta' Lm70,000.00ċ, Animo Compensandi u li jappartjeni lil Rita Ellul, Alexandra Falzon Scerri, lill-eredità ġiaċenti ta' Mario John Ellul, u cioè:

1. Il-Villa bla numru li jisimha 'Villa Adalgisa' fi Triq Nicholas Monserrat, Ta' Ġiorni, fil-limiti ta' San Ġiljan, kif soġġetta għas-subċens annwu u perpetwu ta' Lm114.00ċ, stmata li tiswa' Lm122,720.00ċ.

Billi fiż-żmien stabbilit mill-liġi Emanuel Buttigieg kiser il-kwindena u offra Lm72,150.00ċ għall-fond hawn fuq imsemmi;

Rat id-digriet tagħha preċedenti tas-27 ta' Jannar, 2006.

Tiddekreta u tagħżel għall-bejgħ bl-irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-fond hawn fuq imsemmi il-jum tat-Tlieta, 30 ta' Mejju, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati;

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, il-liberatarju u dak li offra l-aħħar.

Illum: 19 ta' April, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court.

In the records of Judicial Sale by Auction
No:-6/2004 in the names:
HSBC Bank Malta PLC
Vs
Rita Ellul et

Honourable Dr. Giannino Caruana Demajo, LL.D.

The Court,

Following the Adjudication of Thursday 17th March, 2005 in favour of HSBC Bank Malta PLC regarding the undermentioned property for the price of Lm70,000.00c, Animo Compensandi which property belongs to Rita Ellul, Alexandra Falzon Scerri, and the inheritance of Mario John Ellul mentioned in the same Judicial acts, namely:

1. Unnumbered Villa, known as "Villa Adalgisa", in Nicholas Monserrat Street, Ta' Ġiorni, limits of Saint Julians, being subject to the annual and perpetual subgroundrent of Lm114.00c, valued at Lm112,720.00c.

Whereas Emanuel Buttigieg interrupted the statutory-time limit by entering a bid of Lm72,150.00c for the mentioned property;

Having seen its prior decree dated 27th January, 2006.

The Court therefore decrees and appoints the day of Tuesday the 30th May, 2006, from 9.00 a.m. to twelve noon in the Corridors of these Courts for the Final Sale by auction;

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the execution creditor, the debtors, the purchaser, and the last bidder.

Today, the 19th day of April, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar of Courts and Civil Tribunals

**DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA**
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

---

**PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI**
OFFICIAL PUBLICATIONS

| | |
|---|---|
| Acts of Parliament 2005 on compact disc (CD) | Lm 6.00c |
| Annual Reports of Government Departments – 2004 on compact disc (CD) | Lm 5.00c |
| CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD) | Lm 3.00c |
| Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998 | Lm 1.00c |
| Code of Ethics for Members of the Judiciary | Lm 1.00c |
| Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education | Lm 1.80c |
| Diskors tal-*Budget* 2006 | Lm 1.00c |
| Economic Survey 2005 | Lm 2.00c |
| Electoral Register, October 2005 | Lm10.40c |
| Electoral Register, Local Councils, October 2005 | Lm39.24c |
| Estimates 2006 | Lm 2.00c |
| Euro Changeover checklists for Business organisations | no charge |
| Final Report: Pensions – Adequate & Sustainable | Lm 3.50c |
| Financial Report 2004 | Lm 2.50c |
| Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements | Lm 1.40c |
| Il-Manwal tal-President tar-Repubblika | 50c |
| Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq | Lm 1.00c |
| Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti | Lm 1.00c |
| Legal Notices and Bye-Laws 2005 on compact disc (CD) | Lm 6.00c |
| Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni | Lm 1.00c |
| Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2004 | Lm 1.50c |
| National Curriculum on its Way – Proceedings | Lm 2.40c |
| National Curriculum on its Way – Strategic Plan | Lm 1.00c |
| National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged | 25c |
| Performance Audit – Acquisition of Property by Government – Report by the Auditor General | Lm 1.75c |
| Performance Audit – Department of Consumer Affairs | Lm 1.00c |
| Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Government Transport | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division | Lm 1.75c |
| Performance Audit – Licensing and Testing Department | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Managing Procurement – Road Construction and Restoration Projects | Lm 1.75c |
| Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports | Lm 1.50c |
| Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence | Lm 1.50c |
| Performance Audit – School Information System – Education Division | Lm 2.00c |
| Performance Audit – School Transport System – Education Division | Lm 1.50c |
| Portfolio Assessments | Lm 4.00c |
| Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta | no charge |
| Public Service Management Code (6th Edition – December 2005) | Lm 7.00c |
| Rapport Finali – Pensjonijiet: Adekwati u Sostenibbli | Lm 3.50c |
| Report of the Auditor General – Public Accounts 2004 | Lm 1.50c |
| Risk Management in Government Departments - An Audit Approach | Lm 1.50c |
| Subsidiary Legislation for the Year 2004 | Lm20.00c |
| The Highway Code | Lm 1.00c |
| The Press Act | 50c |
| The Registers of the Medical Council (Malta) 2005 | Lm 3.00c |
| White Paper – Pensions Adequate & Sustainable | Lm 4.00c |
| Work and Activities of the National Audit Office 2005 | Lm 1.00c |

---

**Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni**
**3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta**
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*